MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2014

Numru. 902/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**Vs**

**Annabelle Camilleri**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 18 ta` Settembru, 2013 migjuba fil-konfront ta` Annabelle Camilleri, bint Martin Monreal u Rose Mary nee` Busuttil, imwielda Pieta fit-18 ta` Mejju, 1985, residenti fil-fond tas-Sellum, apt 521, Triq it-Tunnara, Mellieha u detentrici tal-karta tal-identita` numru 311185M;

B`diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda;

Talli fit-22 ta` Novembru, 2012, gewwa l-Mellieha u/jew fi bnadi ohra gewwa l-gzejjer Maltin:

1. b`mezz kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b`qerq iehor, ingann jew billi write haga b`ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamlet qliegh bi hsara ta` haddiehor;
2. kif ukoll bi hsara ta` haddiehor ghamlet qliegh b`qerq, liema hsara tammonta ghal aktar minn mitejn, tnejn u tletin ewro u erba` u disghin centezmu (€232.94) izda ma taqbizx l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).
3. Talli saret recidiva b`sentenza moghtija mill-Qorti ta` Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Kif ukoll talli fl-1 ta` Mejju, 2013, gewwa l-Mgarr u/jew fi bnadi ohra gewwa l-gzejjer Maltin;

4. b`mezz kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b`qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b`ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika ghamlet qliegh bi hsara ta` haddiehor;
5. kif ukoll bi hsara ta` haddiehor ghamlet qliegh b`qerq, liema hsara tammonta ghal aktar minn mitejn, tnejn u tletin euro u erba` u disghin centezmu (€232.94) izda ma taqbizx l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);
6. talli saret recidiva b`sentenza moghtija mill-Qorti ta` Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul il-kors tal-ezami taghha skont l-Artikolu 392 u 370(4) tal-Kodici Kriminali l-imputata wiegbet li ma ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 9 li permezz tieghu iddikjara li ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni kif ukoll illi l-hames imputazzjoni hija alternattiva ghar-raba' imputazzjoni.

Il-Qorti rat li waqt l-istadju tal-ezami tal-imputata ddikjarat, in segwitu ghall-istqarrija tal-Ufficjal Prosekutur li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni kif ukoll illi l-hames imputazzjoni hija alternattiva ghar-raba' imputazzjoni, hija tiddikjara li hija hatja tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wara li spjegat u wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u wara li tat zmien ragjonevoli lill-imputata sabiex terga' lura minnha, l-istess imputata ghazlet li terga` ttenni l-ammissjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena li ghandha tigi inflitta.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Illi l-Qorti wara li rregistrat din id-decizjoni tal-imputata ittenni l-ammissjoni taghha f'dawn l-atti tqis li fid-dawl tal-ammissjoni registrata minnha b`mod inkondizzjonat kif spjegat aktar il-fuq u fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, l-imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati u b'hekk m`ghandhiex alternattiva ghajr hlief issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha numru wiehed, tlieta, erba' u sitta.

Illi f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li l-ammonti li kienu involuti kienu zghar hafna, kif ukoll li l-flus kollha gew imhalsa lura lill-kredituri. Qablu wkoll li f'dan il-kaz u f'dawn l-ahhar ftit snin u xhur, l-imputata kienet ghaddejja minn zmien difficli hafna f'hajjitha minhabba relazzjoni personali ma ragel Ghawdxi li spiccat b'mod turbolenti meta hija bdiet titkaxkar fil-problemi personali u finanzjarji ta' dan ir-ragel. Ziedu jtennu li huwa

minnu li fil-fatt l-imputata harget dawn iz-zewgt cheques meritu ta' din il-kawza kienet aktar bi zbadatagni aktar milli bi skop malizjuz. Il-Prosekuzzjoni u d-Difiza sahqu wkoll li l-imputata ghandha tarbija u li piena karcerarja f'dan il-kaz ma kienetx wahda xejn indikata peress li l-imputata kienet gharfet l-izball li ghamlet u riedet tahdem biex thares il-quddiem. In definittiva il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li l-piena adatta f'dan il-kaz kellha tkun ordni ta' probation biex l-imputata taghraf tohrog mill-problemi emozzjonali u psikologici li spiccat fihom.

Ikkunsidrat : -

Illi l-Qorti rat li l-imputata kienet diga misjuba hatja precedentement ta' reati simili ghal dawk in disamina. Rat li r-recidivita taghha tirrisali ghal kundanna subita fil-5 ta' Frar 2009 dwar reati ta' natura differenti minn dawk kontestati lilha illum u li gew kommessi fl-2008. Biss il-Qorti tosserva li l-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz bl-ebda mod ma imputat il-ksur tal-kundizzjonijiet moghtija kontra l-imputata skont il-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-anqas talbet lill-Qorti biex tipprocedi kontra taghha ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta; anzi sahqet li f'dan il-kaz piena karcerarja ma kienetx indikata tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz.

Il-Qorti rat diversi kazijiet decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn kwistjonijiet simili gew dibattuti u decizi. Hekk per ezempju fil-kaz : "Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly u Justin Farrugia" deciza nhar id-9 t'Ottubru 2008, minkejja l-fatt li l-imputati kienu specifikament mixlija li kkommettew ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati, u li huma ammettew ghall-istess imputazzjoni, il-Qorti tal-Magistrati kienet qeghdithom taht ordni ta' probation; filwaqt li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkonfermat din l-ordni ta' probation fil-konfront ta' Rittmar Hatherly filwaqt li hassritha fil-konfront ta' Justin Farrugia minhabba li dan wera bic-car li ma riedx joqghod ghall-ordnijiet tal-Probation Officer assenjat lilu.

Principju simili gie ribadit aktar ricenti fil-kawza fl-ismijiet : "Il-Pulizija vs Andrew Formosa" decia nhar l-20 ta' Mejju 2011 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali konfrontata b'sitwazzjoni simili ghal dik in disamina fejn il-Prosekuzzjoni ma imputatx il-ksur tal-kundizzjonijiet jew talbet l-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, iddecidiet li tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet snin, minkejja li l-Qorti tal-Magistrati kienet mhux biss sabitu hati, talli kienet ukoll applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Biss il-Qorti tal-

Appell Kriminali hasset li l-imputat, ukoll ghar-ragunijiet imsemmija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Hatherly hawn fuq imsemmija, kellu jibbenefika minn ordni ta' probation, minkejja dak misjub fil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan il-kaz partikolari, il-Qorti tqis li, ghar-ragunijiet spjegati mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza, piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja. Huwa ferm aktar fl-interess tal-Gustizzja li l-imputata tigi moghtija l-**<u>ahhar cans</u>** li tibbenefika minn ordni ta' probation biex terga tqum fuq saqajha. Din il-mizura qeghda tittiehed fid-dawl tal-fatt li l-imputata ammettiet il-htija taghha fl-istadju l-aktar bikri tal-kawza, kif ukoll ghaliex il-Qorti rat li l-vitmi gew kompensati mill-imputata, u li fi kwalunkwe kaz, l-ammonti involuti kienu relattivament zghar u fl-ahhar mill-ahhar il-Prosekuzzjoni ikkoncediet li almenu f'kaz minnhom l-element doluz ma kienx wiehed kristallin l-anqas.

**<u>Decide -</u>**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 308, 309, 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali, fuq l-ammissjoni taghha stess, qeghda ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha numru wiehed, tlieta, erba' u sitta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tal-hames imputazzjonijiet li skont l-Ufficjal Prosekutur gew imputati bhala imputazzjonijiet alternattivi ghall-ewwel u r-raba' imputazzjoni rispettivament. Kwantu ghall-piena, il-Qorti, filwaqt li ghar-ragunijiet premessi tastjeni milli tipprocedi kontra l-imputata ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li rat l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdha tqieghed lill-imputata Annabelle Camilleri taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum, kif ukoll qeghda tqieghda taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, [b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tahtar lil clinical psychologist adett mad-Direttur tal-Probation u Parole *pro tempore* sabiex jaghmel dawk l-ezamijiet psikologici mehtiega fuq il-hatja nonche jippreskrivi dawk it-trattamenti jew kura li tkun mehtiega biex il-kundizzjonijiet psikologici tal-hatja jigu indirizzati u trattati kif jixraq], liema ordnijiet huma soggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digrieti moghtija illum stess u annessi ma din is-sentenza u li jifformaw parti integrali minnha.

*Ai termini* tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, il-Qorti fissret lill-imputata bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta’ *probation* u trattament kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma’ din is-sentenza u li f’kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma’ dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta’ *probation,* tista tinghata sentenza ghar-reati li taghhom tinstab hatja b’din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f’kaz ta’ nuqqas t’adezjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi.

*Ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u tal-ordni ta’ *probation* u trattament moghti bid-Digrieti ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja Annabelle Camilleri sabiex ikun jista jibda jwettaq l-ordni tal-Qorti minnufih.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------